MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 348/2010

**Avukat Dottor Melvyn Mifsud L.L.D., Detentur tal-Karta tal-Identita` numru 605761 ittra "M", bhala mandatarju specjali, ghan-nom f'isem u in rappresentanza tas-socjeta` estera Montblanc-Simplo GmbH, Hellgrundweg 100, Hamburg, il-Germanja.**

**vs**

**Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tas-6 ta' Mejju 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` jew ditta estera ANATIM P/C, BCHIRA PLUS ta' BEN AROUS TUNIS, TUNIS.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Melvyn Mifsud L.L.D., detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 605761

ittra “M”, bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Montblanc-Simplo Gmbh datat 9 ta’ April 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud jirraprezenta lis-socjeta` estera Montblanc-Simplo GmbH, bhalma jirrizulta mill-prokura, vera kopja, immarkata bhal Dokument “A”.

Illi s-socjeta` attrici estera hija maghrufa sew fid-dinja, inkluz gewwa Malta, *inter alia* in konnesjoni ma’ diversi prodotti varji, kif jirrizulta mid-dokumenti “B”, fosthom *suitcases, key chains* u *internal suitcases* u oggetti simili, bhala propjetarja ta’ diversi marki (*trademarks*), li jkopra dan in-negozju vast taghha.

Illi b’hila, b’invenzjoni kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici akkwizixxiet reputazzjoni u awjament enormi kemm fis-suq barrani u kif ukoll fis-suq Malti, in konnessjoni mal-marki (*trademarks*) taghha.

Illi in partikolari, is-socjeta` attrici ghandha rregistrata f’ Malta diversi marki (*trademarks*) bin-numru tar-registrazzjoni 25869, 34672, 34673, 34674, 34675, 34676 u 42897, bhalma jirrizulta mid-dokumenti  mmarkati bhala Dokumenti “B” sa “H” (inkluzi) u dan dwar fost diversi prodotti baskijiet tal-idejn, *suitcases*, basktijiet tal-gilda u *travelling bags* u basktijiet u *key cases* u oggetti ohra simili, fost ohrajn li jaqghu fi klassijiet diversi tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta’ Prodotti u Servizzi taht in-Nice Agreement Concerning International Classification of Goods and Services for the Purposes of the registration of Marks.

Illi dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), is-socjeta` attrici hija detentrici ta' drift ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet relevanti tal-**Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini)** (**Kapitlu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta),** biex b’hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi, fl-**artikoli 2 (l) (a) (i), 4** u **8 (1)** taghha.

Illi ricentement waqt il-verifiki u skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 4 tal-istess Kapitolu 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issopenda r-rilaxx tal-container FCIU8632539, fejn instabu diversi prodotti, konsistenti *inter alia* f'erbgha mija u sitta u u hamsin (456) *internals suitcases*, tnejn u tmenin (82) *suitcases* u tlett mitt (300) *key chains* li fihom il-kelma Montblanc jew Montblanc NightFlight, liema prodotti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transit ghar-rilaxx eventwali favur *consignee*/importatrici ndikata fuq l-istess *Bill of Lading*, bhala ANATIM P/C, BCHIRA PLUS, kopja tal-istess *Bill of Lading* immarkata Dokument "I" u *prima facia* deher car lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravenju dritt ta' propjeta` intelletwali, bhalma jiirizulta mill-hawn anness ittra immarkata bhala Dokument "J".

Illi s-socjeta` attrici giet infurmata b'din is-sejba u wara li gew ezaminati whud minn dawn l-oggetti, rapprezentant tal-istess socjeta` attrici kkonferma lill-istess Kontrollur tad-Dwana, li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti (*counterfeit*) u li ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet dwar propjeta` intelletwali, appartenenti lis-socjeta` attrici, bhalma gie hawn ipprezentat dokument relatat mir-rapprezentant taghhom lokali, immarkat bhal Dokument "J".

Illi l-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet ta' **artikolu 4 tal-Kap 414** hawn fuq imsemmi kif ukoll tal-**artikoli 10 (1) u 2 (b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416)** u japplikaw ghall-kaz id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14 sa 19 tal-Kap 416,2 u 8 (1) tal-istess Kap 414 u 76A(1) tal-Att XXII tas-sena 2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarii (Mizuri Varji).**

Illi sussegwentement is-socjeta` attrici inghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana u gie lis-socjeta` atttrici prefiss terminu, mill-istess Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tad-ditta konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'erba' mija u sitta u u hamsin (456) *internals suitcases*, tnejn u tmenin (82) *suitcases* u tliet mitt (300) *key chains* bil-kelma Montblanc jew Montblanc NightFlight u li dawn l-istess oggetti msemmija jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* FCIU8632539, l-imsemmija oggetti, jikkontravenju d-drittijiet ta' propjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha registrati f'Malta, bin-numri tar-registrazzjoni 25869, 34672, 34673, 34674, 34675, 34676 u 42897, konsistenti il-kelma Montblanc jew Montblanc NightFlight.

2. Tiddikjara u tiddecidi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-kunsenja in kwistjoni ta' *internal suitcases, suitcases* u *key chains* permezz tal-kontejner FCIU8632539 da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravenji d-dritt ta' propjeta intelletwali tas-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skont **artikolu 2 (l) (a) (i) (ii) (iii)** u **(b) tal-Kap 414 (Art dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intelletwali (Mizuri Inrtakonfini)** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-istess **artikolu 4** tal-istess **Kap 414** u dan fil-konfront tat-*trademarks* fuq imsemmija tas-socjeta` attrici.

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi mit- tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludi xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti in kwistjoni, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan ghas-spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport tal-

imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess, skont **artikolu 8 tal-Kap 414.**

4. Tiehu kull mizura u/jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu kull mizura ohra dwar l-oggetti in kwistjoni li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici taghha.

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini tal-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Industrijali (Mizuri Intrakonfmi) - **Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u/jew skont **it-termini tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003**, fil-konfront tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez kontra d-ditta konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghhga.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 4) u d-dokumenti esebiti kif jidhru minn fol. 6 sa fol. 22 tal-process.

Rat id-digriet datat 6 ta' Mejju 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Gunju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 14 ta' Gunju 2010 (fol. 39) fejn eccepew li:-

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-kawza u ghalhekk qed jirrizervaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentata.

Rat il-lista ta’ xhieda tal-istess kuraturi a fol. 39 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta datat 5 ta’ Ottubru 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta’ Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi mill-atti tal-kawza nkluz mill-affidavit tal-ufficjal tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 18 ta’ Mejju 2010 (Dok. “L”) jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana ssopenda r-rilaxx tal-*container* FCIU 8632539 li fih instabu diversi prodotti li kienu jikkonsistu *inter alia* f’erbgha mija u sitta u u hamsin (456) *internals suitcases*, tnejn u tmenin (82) *suitcases* u tlett mitt (300) *key chains* li fihom il-kelma Montblanc jew Montblanc NightFlight, liema prodotti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transit ghar-rilaxx eventwali favur *consignee*/importatrici ndikata fuq l-istess *Bill of Lading*, bhala ANATIM P/C, BCHIRA PLUS, kopja tal-istess *Bill of Lading* immarkata Dokument “I” u *prima facia* deher car lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravenju dritt ta’ proprjeta` intellettwali, bhalma jiirizulta mill-hawn anness ittra immarkata bhala Dokument “J”. Dan is-suspett gie kkonfermat mill-ezamijiet li saru fuq kampjuni tal-istess oggetti kif jidher mir-rapport datat 4 ta’ Gunju 2010 (Dok. “MF 1” – fol. 44), u jirrizulta ghalhekk li l-istess oggetti jiksru d-drittijiet tas-socjeta’ attrici bhala proprjetarja tal-istess marka *inter alia* fuq tali oggetti kif jirrizulta mid-Dok. “B” sa Dok. “H” annessi mar-rikors guramentat.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess l-allegazzjoni attrici gew ipprovati, u fil-fatt lanqas gew kontestati u ghalhekk filwaqt li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ u

hames talba ghaliex ma hemmx bzonn ta' ebda wahda minnhom, tilqa' l-ewwel tliet talbiet attrici kif hawn deciz.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici** l-ohra biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'erba' mija u sitta u hamsin (456) *internal suitcases*, tnejn u tmenin (82) *suitcases* u tliet mitt (300) *key chains* bil-kelma Montblanc jew Montblanc NightFlight u li dawn l-istess oggetti msemmija jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* FCIU8632539, l-imsemmija oggetti, jikkontravenju d-drittijiet ta' propjreta` intellettwali tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha registrati f'Malta, bin-numri tar-registrazzjoni 25869, 34672, 34673, 34674, 34675, 34676 u 42897, konsistenti il-kelma Montblanc jew Montblanc NightFlight.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-kunsenja in kwistjoni ta' *internal suitcases, suitcases* u *key chains* permezz tal-kontejner FCIU8632539 da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravenji d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skont **artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii)** u **(b) tal-Kap 414 (Art dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini)** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-istess **artikolu 4** tal-istess **Kap 414** u dan fil-konfront tat-*trademarks* fuq imsemmija tas-socjeta` attrici.

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta` din

is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti in kwistjoni, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan a spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess, skont **artikolu 8 tal-Kap 414.**

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex m'hemmx bzonnha.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex m'hemmx bzonnha.

Bl-ispejjez kontra l-entita` intimata b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------